2024/1473

24.5.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1473

tal-20 ta' Frar 2024

li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Franċiża tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1768 li jistabbilixxi regoli dettaljati għaċ-ċertifikazzjoni u d-dikjarazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u tal-kostitwenti ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 47(1) u 62(13),

Billi:

(1) Il-verżjoni bil-lingwa Franċiża tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1768 ([2]) fiha l-istess żball, terminu mhux korrett, fl-Artikolu 6(3), il-punt (c), fl-Artikolu 7(1), il-punt (c) kif ukoll fl-Artikolu 7(3), il-frażi introduttorja, l-ewwel sentenza u l-punt (a). L-iżball jaffettwa s-sustanza ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjoni bil-lingwa Franċiża tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1768 tiġi kkoreġuta skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(Ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj.
([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1768 tal-14 ta' Lulju 2023 li jistabbilixxi regoli dettaljati għaċ-ċertifikazzjoni u d-dikjarazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u tal-kostitwenti ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru (ĠU L 228, 15.9.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/1768/oj).